MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 941/2004

Kawza fil-lista: 3

**Maltacom plc**
**Vs**
**Walter Zammit (I.D. 499748M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom p.l.c. kontra Walter Zammit (Cit. Nru. 2138/98GV) giet deciza min din il-Qorti fis-28 ta' Mejju, 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1527.63 (elf, hames mija sebgha u ghoxrin liri maltin u tlieta u sittin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 611520 li kien installat fil-fond 'Richline

Flats’ Flat/4, Triq Guze Haward, Sliema, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm208.28 (mitejn u tmien liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm651.79 (sitt mija wiehed u hamsin liri maltin u disgha u sebghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm2387.70 (elfejn, tlett mija sebgha u tmenin liri maltin, u sebghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati oppotuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.
Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------